TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 116/13-F

**Edwin Schembri**
**vs**
**International Trading Company Ltd.**

Illum 23 ta' Ottubru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Mejju, 2013 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), rappreżentanti prezz ta' *solar water heater* li meta xtrah kien kollu daqqiet.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *solar water heater* għall-prezz ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), u meta ġew biex jinstallawh induna li kien hemm għafsa fuq it-tank tas-*solar water heater*.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi wara ġimgħa li mar iwaħħal il-boldijiet ma' l-art, is-*solar water heater* ma kellu l-ebda għafsiet, u għalhekk żgur li ma kinux għamluhom huma.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jagħti ħafna importanza lix-xhieda tas-soċjeta' ntimata, illi jinnota li l-verżjoni tas-soċjeta' ntimata hija iktar kredibli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888